**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA, 19 TA' SETTEMBRU, 2001**

**Numru: 20**

**Avviz Nru: 637/01AE**

**Auto Sales Limited**

**vs**

**Franco M. Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u sittin lira Maltija (Lm560) import ta' kambjali li jinsabu ezebiti a fol. 3 sa 12 tal-process.

Semgha bil-gurament lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma l-kreditu u li mill-ammont mitlub ghadu ma thallas xejn.

Illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2001 u lanqas fis-seduta tal-lum, kif ukoll ma pprezentax risposta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u sittin lira Maltija (Lm560) bl-imghax mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala.

L-ispejjez, inkluzi d-drittijiet legali, jithallsu mill-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**